**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 505/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2404/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dana z-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami fil-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok B);

4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment mill-elfejn u dsatax (2019);

5. Illi r-rikorrent ma jara li hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi ma kienx hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg tabejnha u bejn l-Intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom:

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiexfiz-zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn ilpartijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet konvenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Marzu, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.